



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 59/26

Il-Lussemburgu, 21 ta' April 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-769/22 | Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Valuri tal-Unjoni)

### Valuri tal-Unjoni: billi adottat liġi li tistigmatizza u timmarġinalizza lill-persuni LGBTI+, L-Ungerija kisret id-dritt tal-Unjoni

*B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata għall-ewwel darba f'azzjoni mressqa kontra Stat Membru, ksur tal-Artikolu 2 TUE, li jelenka l-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea*

Permezz tal-“Liġi Nru LXXIX tal-2021 li Tadotta Miżuri Iktar Stretti Kontra Trasgressuri Pedofili u li Temenda Ċerti Liġijiet għall-Protezzjoni tat-Tfal”, l-Ungerija emendat diversi atti leġiżlattivi nazzjonali sabiex tiproteġi lill-minuri. Essenzjalment, dawn l-emendi jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-aċċess għal kontenut, partikolarment fil-qasam awdjoviżiv u tar-reklamar, li jirrappreżenta jew jippromwovi d-diverġenza mill-identità personali li tikkorrispondi mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità. Wara rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Ungerija kisret id-dritt tal-Unjoni fuq diversi livelli distinti: id-dritt primarju u sekondarju dwar is-servizzi fis-suq intern, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 2 TUE, u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

L-Ungerija adottat, permezz tal-“Liġi Nru LXXIX tal-2021 li Tadotta Miżuri Iktar Stretti Kontra Trasgressuri Pedofili u li Temenda Ċerti Liġijiet għall-Protezzjoni tat-Tfal” (iktar 'il quddiem, il-“Liġi Emendatorja”), diversi emendi għad-dritt nazzjonali tagħha. Minkejja li dawn l-emendi huma, skont dan l-Istat Membru, maħsuba sabiex jiproteġu lill-minuri, diversi minnhom għandhom l-effett, essenzjalment, li jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-aċċess għal kontenut li l-karatteristika prinċipali tiegħu hija r-rappreżentazzjoni jew il-promozzjoni tad-diverġenza mill-identità personali li tikkorrispondi mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità.

Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Ungerija fir-rigward tal-adozzjoni tal-Liġi Emendatorja. Hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata ksur tad-dritt primarju u sekondarju tal-Unjoni dwar is-servizzi fis-suq intern <sup>1</sup>, ta' diversi drittijiet iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), tal-Artikolu 2 TUE <sup>2</sup>, u fl-aħħar nett tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) <sup>3</sup>.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja, bil-Qorti Plenarja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li r-rikors huwa fondat fir-rigward tal-motivi kollha.**

L-ewwel nett, **dawn l-emendi jiksru l-libertà li jiġu pprovduti u rċevuti servizzi**, stabbilita fid-dritt primarju tal-Unjoni u f'diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, tad-Direttiva dwar is-Servizzi u tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva. Qabelhejn, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-emendi jillimitaw il-possibbiltà għall-fornituri ta' servizzi tal-media jew operaturi oħra milli jiżviluppaw u jxerrdu kontenut li għandu, essenzjalment, bħala element determinanti r-rappreżentazzjoni jew il-promozzjoni tad-diverġenza mill-identità personali li tikkorrispondi mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità. Għalhekk, dawk l-emendi jwasslu għal **restrizzjonijiet għal din il-libertà**. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-possibbiltà, fid-dritt tal-Unjoni, li tali restrizzjonijiet ikunu ġġustifikati permezz tal-promozzjoni tal-aħjar interess tat-tfal jew permezz tan-neċessità li jiġi ppreżervat id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom konformement mat-twemmin reliġjuż,

filosofiku u pedagoġiku tagħhom, li huma ggarantiti mill-Karta <sup>4</sup>. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza b'mod partikolari **I-marġni ta' evalwazzjoni li l-Istati Membri għandhom sabiex jiddefinixxu liema kontenut, b'mod partikolari awdjoviżiv, jista' jkun ta' ħsara għall-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minuri, fl-assenza ta' regoli ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea.**

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-marġni ta' evalwazzjoni għandu jiġi eżerċitat filwaqt li tiġi osservata l-Karta, u b'mod partikolari **I-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u l-orjentazzjoni sesswali** ggarantita mill-Artikolu 21(1) tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li dan ma huwiex il-każ. Fil-fatt, l-aspetti tal-Liġi Emendatorja bbażati fuq il-kriterju tar-rappreżentazzjoni jew tal-promozzjoni tad-diverġenza mill-identità personali li tikkorrispondi mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità, huma bbażati fuq il-premessa li kull rappreżentazzjoni jew promozzjoni ta' dan it-tip, irrispettivament mill-kontenut speċifiku tagħha, hija ta' natura li tippreġudika l-aħjar interess tat-tfal. Issa, **approċċ bħal dan juri preferenza għal ċerti identitajiet u orjentazzjonijiet sesswali għad-detriment ta' oħrajn, li konsegwentement jiġu stigmatizzati, u dan huwa inkompatibbli mar-rekwiżiti li jirriżultaw, f'soċjetà bbażata fuq il-pluraliżmu, mill-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u l-orjentazzjoni sesswali.** Fil-preżenza ta' tali ksur tal-kontenut essenzjali ta' din il-projbizzjoni, ir-restrizzjonijiet inkwistjoni fl-ebda każ ma jidhru li huma ġġustifikati b'mod partikolari mill-għan li jiġi promoss l-aħjar interess tat-tfal. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-minuri jistgħu jiġu protetti b'mod adegwat kontra programmi mhux xierqa għall-età tagħhom mingħajr ma ssir f'dan ir-rigward diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess u l-orjentazzjoni sesswali bħal dik li tirriżulta mill-emendi inkwistjoni.

It-tieni nett, **l-emendi inkwistjoni jikkostitwixxu indhul partikolarment gravi f'diversi drittijiet fundamentali protetti mill-Karta, jiġifieri l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tas-sess u tal-orjentazzjoni sesswali, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja <sup>5</sup>, u l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni <sup>6</sup>.**

B'mod partikolari, **il-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni tistigmatizza u timmarġinalizza persuni li ma humiex ċisġeneru**, inklużi l-persuni transġeneru, jew li ma humiex eterosesswali, bħala li huma ta' ħsara għall-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minuri minħabba biss l-identità sesswali tagħhom jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. It-titolu tal-Liġi Emendatorja **jassoċjajom mad-delinkwenza pedofila**, u dan isaħħaħ din l-istigmatizzazzjoni u jqanqal mġiba ta' mibegħda fil-konfront tagħhom.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-indhul inkwistjoni jippreġudika l-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali msemmija hawn fuq u għalhekk ma jistax jiġi ġġustifikat mill-għanijiet imressqa mill-Ungerija, jiġifieri l-promozzjoni tal-aħjar interess tat-tfal jew id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom skont it-twemmin reliġjuż, filosofiku u pedagoġiku tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata wkoll li l-Ungerija kisret f'dan il-każ **id-dritt għad-dinjità tal-bniedem <sup>7</sup>**. Dan joħroġ mill-fatt li l-aspetti tal-Liġi Emendatorja kkontestati mill-Kummissjoni **jitrattaw grupp ta' persuni**, li huwa parti integrali minn soċjetà kkaratterizzata mill-pluraliżmu, **bħala theddida għas-soċjetà** li jistħoqqilha trattament legali speċjali, minħabba biss l-identità sesswali tagħhom jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. In-natura stigmatizzanti u offensiva tal-Liġi Emendatorja twassal sabiex tiġi stabbilita, miżmuma jew msaħħa l-"inviżibbiltà" soċjali tagħhom, u dan jippreġudika d-dinjità tagħhom.

It-tielet nett, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata**, għall-ewwel darba, **ksur distint tal-Artikolu 2 TUE, li jistabbilixxi l-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni u li huma komuni għall-Istati Membri kollha. Fil-fatt, l-aspetti tal-Liġi Emendatorja li jimmiraw lejn kontenut li jirrappreżenta jew jippromwovi d-diverġenza mill-identità personali li tikkorrispondi mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità**, jikkostitwixxu sett ikkoordinat ta' miżuri diskriminatorji li, **b'mod manifest u partikolarment gravi, jippreġudikaw id-drittijiet ta' persuni li ma humiex ċisġeneru**, inklużi l-persuni transġeneru, jew li ma humiex eterosesswali, kif ukoll il-valuri tar-rispett għad-dinjità umana, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi.

Konsegwentement, **din il-liġi tmur kontra l-identità stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni f'soċjetà kkaratterizzata mill-pluraliżmu.** L-Ungerija ma tistax b'mod validu tinvoka l-identità nazzjonali tagħha sabiex tiġġustifika

I-adozzjoni ta' liġi li tinjora l-valuri hawn fuq imsemmija.

Ir-raba' nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **l-leġislazzjoni Ungeriża inkwistjoni tikser il-GDPR u d-dritt għall-protezzjoni tad-data ggarantit mill-Karta** billi emendat il-Liġi dwar il-Fedina Penali bil-għan li testendi l-aċċess għall-informazzjoni rreġistrata fil-fedini penali rigward persuni li wettqu reati kontra l-libertà sesswali jew reati kontra l-moralità sesswali fil-konfront tat-tfal. Għalkemm aċċess bħal dan jista' jkun leġittimu f'ċirkustanzi partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, essenzjalment, li l-leġislazzjoni Ungeriża ma tiddefinixxi b'mod preċiż biżżejjed la l-persuni awtorizzati sabiex jaċċedu għad-data tal-fedini penali u lanqas il-kundizzjonijiet materjali ta' aċċess neċessarji sabiex jagħtu garanziji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-data.

**NOTA:** Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid li bih titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Jiġifieri l-Artikolu 56 TFUE u l-istrumenti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni li ġejjin: id-[Direttiva 2000/31/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, b'mod partikolari l-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku), id-[Direttiva 2006/123/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, id-[Direttiva 2010/13/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva).

<sup>2</sup> L-Artikolu 2 TUE jipprovdi: "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

<sup>3</sup> [Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016, dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

<sup>4</sup> Ara, rispettivament, l-Artikolu 24(2) tal-Karta u l-Artikolu 14(3) tal-Karta.

<sup>5</sup> Artikolu 7 tal-Karta.

<sup>6</sup> Artikolu 11 tal-Karta.

<sup>7</sup> Artikolu 1 tal-Karta.